MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 48

1 ta' Marzu 2023

Minuti tas-seduta Nru. 48 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 27 ta' Frar 2023 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament, minbarra R. Bartolo Cutajar. G. Micallef li segwew is-seduta b'mod virtwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduti Nru. 46 u 47, li saru fl-24 ta' Jannar u t-22 ta' Frar 2023, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt).

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Xogħlijiet fiċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji (C/7)

2.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 10.1. tas-Seduta Nru. 46 tal-24 ta' Jannar 2023, meta l-Kunsill kien ġie mgħarraf li d-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali ntalab jagħti dettalji dwar xogħlijiet ta' manutenzjoni fiċ-ċimiterju msemmi. Huwa qal li permezz ta' imejl datat 28 ta' Frar 2023, id-Dipartiment wieġeb li x-xogħlijiet huma koperti bil-permess PA 1351/22 u jinvolvu manutenzjoni fuq is-saqaf u l-ħitan tal-kamra tad-deffien, kif ukoll restawr tal-bieb li jagħti għal Triq l-Erwieħ.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Impjieg ta' Uffiċjal fi Skala 15 – Ħatra ta' Bord tal-Intervista (P/7/1/Vol XVII)

2.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf illi fil-21 ta' Frar 2023 ġew intervistati ħames persuni li kienu fil-lista mgħoddija mill-Jobsplus. L-iktar persuna li tellgħa punteġġ għoli intalab jgħaddi tagħrif addizzjonali u naqas li jagħmel dan saż-żmien mogħti. Għaldaqstant, il-Bord irrakkomanda li dan jiġi rrappurtat lill-Jobsplus sabiex jgħaddu lista oħra.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u aċċetta l-proposta tal-Bord skont il-minuta preċedenti.

## 2.3.1. Sejbiet arkeoloġiċi waqt xogħlijiet f'Misraħ il-Parroċċa (Mellieħa) (P/4/3/Vol IV)

2.3.2. Saret referenza għal ittra datata 7 ta' Frar 2023 mibgħuta mill-Fondazzjoni ARKEO, fejn aċċennaw għal numru ta' sejbiet arkeoloġiċi f'Misraħ il-Parroċċa, li jinkludu: minġbel, bjar, u ħofor għall-pilastri (*postholes*). Minn naħa tal-Kunsill ingħatat tweġiba fis-sens, li l-istess Kunsill huwa nfurmat li qed isir monitoraġġ rigoruż tax-xogħlijiet mis-Sovrintendentenza tal-Patrimonju Kulturali. L-istess Sovrintendenza ntalbet sabiex tindika l-metodoloġija li ser taddottata bil-għan li jiġu kkonservati s-sejbiet arkeoloġiċi, kif ukoll il-wiri tal-eżistenza tagħhom fuq il-post, partikolarment dawk li jista' jkollhom jiġu mgħottija bil-pavimentar.

2.3.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 2.4.1. Kundizzjoni tal-i*skateboard ramp* fil-Park tal-Familja u twapet tal-lastiku fil-*playing fields* (P/4/6/Vol VI)

2.4.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni dwar il-fatturi msemmija hawn fuq.

2.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna li l-Kunsill alloka fondi sabiex isiru t-twapet li jinsabu fi stat ħażin u għaldaqstant se ssir sejħa għall-offerti fiż-żmien opportun. Dwar l-*iskateboard ramp* huwa għarraf li kien hemm ta parir li din issir tal-konkos sabiex ma tkun tirrekjedi daqstant manutenzjoni bħal dik eżistenti li hija magħmula minn struttura tal-injam miksija bil-pjanċi ta-ħadid.

2.4.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-proposta għandha tiġi diskussa ma' organizzazzjonijiet nvoluti f'dan il-passament, bħalma huma l-BMX Association, bil-għan li jiġi determinat x'għandu jsir.

## 2.5.1. Sejħa għall-offerti MLC 8/2022 – Manutenzjoni fil-*multi-pupose court* fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)

2.5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-Offerti temm l-evalwazzjoni tat-tielet sejħa pubblika, rigward ix-xogħol imsemmi, liema ntervent jaffettwa kuntratt ieħor li jinvolvi l-binja ta' taħtu, billi x-xogħol tad-*dressings rooms* ma jistax jitwettaq jekk qabel ma ssirx il-manutenzjoni tal-*court*. L-uniku offerent illi kien hemm naqas milli jirrispondi għar-rekwiżiti kollha stabbiliti fid-dokument tal-offerta u għalhekk ma setax jingħata l-kuntratt.

2.5.3. Is-Sur C.Debono kompla jgħid li fid-dawl tal-fatt, li dawn ix-xogħlijiet qed jiġu kofinanzjati permezz ta' skema mnedija mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, li hija regolata b'*time-frames* li jeħtieġ jiġu segwiti, jidher li hemm ġustifikazzjoni soda sabiex jintalab il-permess tal-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, bil-għan li l-Kunsill jirrikorri għall-proċedura tad-*direct order*, u hekk wieħed jittama li dan ix-xogħol urġenti jitwettaq bla iktar dewmien.

2.5.4. Il-Kunsill approva l-proċedura indikata fil-minuta preċedenti.

## 2.6.1. *Community Greening Grants* (P/4/27)

2.6.2. Is-Sindku D. Vella aċċenna għall-minuta 5.11.1. tas-Seduta Nru. 46 tal-24 ta' Jannar 2023 u għarraf li saret laqgħa oħra fl-14 ta' Frar 2023 mad-diriġenti tal-aġenzija Project Green dwar il-possibiltà li tiġi żviluppata l-art konċessa mill-Kurja Arċiveskovili, li tinsab bejn Triq l-Etna, Triq l-Għasel, u Triq Monsinjur Franġisk Xuereb. Fl-istess laqgħa ssemmiet il-possibiltà li jsiru il-ġwiebi fi Ġnien il-Qigħan u Ġnien tas-Salib, li ma twettqux taħt l-iskema BELLUS tal-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent. Kien miftieħem li għalissa għandha tiġi sottomessa talba rigward l-iżvilupp ta' spazju pubbliku fuq l-art imsemmija.

2.6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li mill-kuntatti li kien hemm ma' l-aġenzija Project Green jidher li biex il-proġett ikun eliġibbli jistgħu jkunu meħtieġa emendi fil-permess PA 6425/19, bil-għan li jitnaqqsu l-meded tal-pavimentar kif kien ippjanat il-proġett oriġinali. Huwa qal ukoll li l-applikazzjoni dwar il-finanzjament ma' l-aġenzija ġiet sottomessa fit-28 ta' Frar 2023.

2.6.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**2.7.1. Programm ta' attivitajiet kulturali 2023** **(A/5/5/Vol X)**

2.7.2. Is-Sindku D. Vella ppropona li l-attivitajiet kulturali għas-sena 2023 ikunu kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| 28/06/2023 | Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ |
| 28, 29, u 30/07/2023 | Iljieli Mellieħin |
| 01/12/2023 | Jum il-Kunsill |
| 22, 23, u 24/12/2023 | Villaġġ tal-Milied |

2.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-Villaġġ tal-Milied għandu jsir ġimgħa qabel, peress li jkun diffiċli li jinstabu nies involuti fl-ispettaklu eżatt qabel il-Milied. Għaldaqstant kien hemm qbil li dan l-avveniment għandu jseħħ fil-15, 16 u s-17 ta' Diċembru 2023.

2.7.4. Is-Sur D. Vella aċċenna wkoll li l-Kunsill jista' jiġi msejjaħ mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu għall-ispettaklu tan-nar li jsir fl-Ewwel tas-Sena.

**2.8.1. Ħarġiet kulturali** **(A/5/5/Vol VII)**

2.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.8.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li għall-ħarġa li saret lejn il-Mużew Nazzjonali tal-Arti fl-Auberge d'Italie tal-21 ta' Frar 2023, li attendew għaliha 40 persuna.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.9.1. Il-Palazz ta' Selmun** **(S/5/1)**

2.9.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-applikazzjoni PA 3420/22 li tinvolvi r-restawr tal-faċċati tal-Palazz ta' Selmun, inkluż il-bitħa, strutturi tas-saqaf, tneħħija ta' madum tas-siment mis-saqaf u kontrabejt ġdid inkluż sistema ġdida ta' ġbir ta' ilma tax-xita u installazzjoni ta' dawl estern fil-Palazz Selmun. Huwa ppropona li l-Kunsill għandu jtenni l-pożizzjoni tiegħu li dan il-bini għandu b'mod jibqa' aċċessibbli għall-pubbliku.

2.9.3. Il-Kunsill approva s-suġġeriment tas-Sindku.

**2.10.1. Animal Fest** **(A/5/3/Vol XII)**

2.10.2. Il-Kunsillier M. Abela ppropona li terġa' issir l-attività msemmija f'Mejju 2023 u għaldaqstant għarraf li qiegħed f'kuntatt mas-Sindku D. Vella u l-Kunsillier K. Buttigieg sabiex jiġu stabbiliti l-post u d-data tal-attività. Kompla jgħid li huwa maħsub li jkun hemm l-involviment tal-għaqdiet tal-Mellieħa.

2.10.3. Il-Kunsill approva l-inizjattiva.

**2.11.1. Sessjonijiet informattivi dwar il-kura tas-siġar** **(E/3/1)**

2.11.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li huwa ġie avviċinat minn għalliem fl-MCAST li lest jagħmel sessjonijiet dwar iż-żbir u kura tas-siġar u l-ġardinaġġ.

2.11.3. Il-Kunsill qabel li għandha titħabbar din l-inizjattiva, wara li jinkiseb aktar tagħrif mill-għalliem konċernat dwar il-materjal li jiġi kopert fl-istess sessjonijiet, bil-għan li tiġi evalwata l-konkorrenza.

**2.12.1. Faċilitajiet għall-ħatt/tagħbija allokati lill-Pergola Club Hotel fi Triq Snajjin (T/3/2/Vol XVI)**

2.12.2. Saret referenza għal imejl datat 22 ta' Frar 2023 fejn resident ilmenta dwar in-nuqqas ta' faċilitajiet għall-ipparkjar fl-istess triq. L-istess persuna appella li l-faċilitajiet għall-ħatt/tagħbija tal-Pergola Club Hotel mhux qed jintużaw mill-kollettur tal-iskart, peress li dan jipparkja l-iscammel fin-nofs tat-triq, filwaqt li tal-*laundry* jagħmel l-istess, peress li l-area tinsab fit-telgħa.

2.12.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li minn jipprovdi servizz lil lukanda għandu jagħmel użu mill-faċilità in kwistjoni bil-għan li l-karreġġjata titħalla libera. Kemm-il darba titneħħa l-faċilità, minn jirrendi xi servizz għal-lukanda jkollu skuża sabiex jabbuża, u għaldaqstant l-infurzar ikun aktar diffiċli biex jitwettaq.

**2.13.1. *Mobile App* għall-promozzjoni ta' postijiet ta' interess fil-lokalità (P/10/38)**

2.13.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ippropona li mal-arbli li saru fejn kull post ta' interess, flimkien mal-kodiċi QR ikun hemm tabella żgħira li tindika l-isem tal-post fejn tkun imwaħħlu, kif ukoll tgħid li wieħed jista' jiskanja l-kodiċi sabiex jikseb tagħrif dwar dak il-post partikulari, li tkun kemm bil-Malti u l-Ingliż.

2.13.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuti preċedenti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.1. Ma saret ebda mistoqsija.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda ta' Xiri Meħtieġ – 24/02/23;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 01/01/23 – 02/03/23;
- Skeda ta' Pagamenti – 24/12/22 -20/01/23;
- Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2022;
- Estimi Finanzjarji 2023;
- Minuti – Seduta tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana – 19/12/22;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

**5.1.1. PA 0203/23 – Żieda ta' imwejjed u siġġijiet – Gems, Triq Ġorġ Borg Olivier (T/4/10/Vol III)**

5.1.2. Ġie spjegat li t-talba tinvolvi tqegħid ta' pjattaforma fil-*parking bays* sal-livell tal-bankina, sabiex fuqha jitpoġġew sitt imwejjed b'żewġ siġġijiet 'l waħda.

5.1.3. Minkejja li l-Kunsill osserva li l-*Policy* P8 tal-*Guidelines on Outdoor Catering Areas on Public Open Spaces*, tippermetti l-formazzjoni mitluba, kien tal-fehma li għandu joġġezzjoni abbażi li:

(a) Ser jitnaqqas l-ispazzju għall-ipparkar ta' vetturi, li attwalment qed jibbenefikaw in-negożji tal-qrib; u

(b) Il-fatt li l-istabbiliment in kwistjoni jinsab fi triq distributorja, fejn fuss tat-traffiku jiġi qrib ħafna tal-persuni li jkunu bilqiegħda fil-post indikat.

### 5.2.1. Sejbiet arkeoloġiċi waqt xogħlijiet f'Misraħ il-Parroċċa (Mellieħa) (P/4/3/Vol IV)

5.2.2. Saret referenza għal ittra datata 7 ta' Frar 2023 mibgħuta mill-Fondazzjoni ARKEO, fejn aċċennaw għal numru ta' sejbiet arkeoloġiċi f'Misraħ il-Parroċċa, li jinkludu: minġbel, bjar, u ħofor għall-pilastri (*postholes*). Minn tagħna tal-Kunsill ingħatat tweġiba fis-sens, li l-istess Kunsill huwa nfurmat li qed isir monitoraġġ rigoruż tax-xogħlijiet mis-Sovrintendentenza tal-Patrimonju Kulturali. Is-Sovrintendenza ntalbet sabiex tindika l-metodoloġija li ser taddottata bil-għan li jiġu kkonservati s-sejbiet arkeoloġiċi, kif ukoll il-wiri tal-eżistenza tagħhom fuq il-post, partikolarment dawk li jista' jkollhom jiġu mgħottija.

5.2.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.3.1. Faċilitajiet għall-ħatt/tagħbija għall-Pergola Club Hotel fi Triq Snajjin (T/3/2/Vol XVI)

5.3.2. Saret referenza għal imejl datat 22 ta' Frar 2023 fejn resident ta' Triq Snajjin ilmenta dwar in-nuqqas ta' faċilitajiet għall-ipparkjar fl-istess triq. L-istess persuna appella li l-faċilitajiet għall-ħatt/tagħbija tal-Pergola Club Hotel mhux qed jintużaw mill-kollettur tal-iskart, peress li dan jipparkja l-iscammel fin-nofs tat-triq, filwaqt li tal-laundry jagħmel l-istess, peress li l-area tinsab fit-telgħa.

5.3.3. Il-Kunsill.

### 5.4.1. Żvilupp ta' art konfinanti minn Wesgħat in-Narċis, Triq is-Sagħtar, u Triq il-Miġbħa (P/5/1/Vol IV)

5.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 25 ta' Frar 2023 mibgħut mill-Kunsillier G. Micallef, fejn għamel referenza għas-sejħa pubblika Nru. 8/2023, li saret mill-Awtorità tal-Artijiet sabiex l-art imsemmija tinbiegħ bl-iskop li tiġi żviluppata, liema sejħa għalqet fit-28 ta' Frar 2023. Fl-istess imejl intalab li l-materja tiġi diskussa waqt din is-seduta sabiex il-Kunsill jieħu pożizzjoni dwarha. Saret referenza wkoll għal petizzjoni datata 17 ta' Frar 2023, indirizzata lill-Prim Ministru, u ffirmata minn 59 persuna. Kopja tagħha ntbagħtet lill-Ministru tal-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, kif ukoll lill-Ministru tal- Ekonomija.

5.4.3. Is-Sindku D. Vella qal li parti mill-art in kwistjoni hija privata, iżda fil-parti l-kbira hija tal-Gvern, li ġiet mgħoddija mill-Knisja. Spjega li taħt it-*Temporary Provisions Scheme* tal-1988, din kienet skemata u setet tiġi żviluppata anke għal skopijiet kummerċjali (ħwienet), filwaqt li l-*policy* NWML 2 tal-Pjan Lokali indikat li l-art għandha tiġi żviluppata b'mod komprensiv għal skop residenzjali. Jidher li l-Awtorità tal-Artijiet ħarġet is-sejħa abbażi ta' din il-*policy*.

5.4.4. Is-Sur D. Vella aċċenna għall-fatt li s-sit huwa mdawwar b'numru ta' spażji pubbliċi bħal: Ġnien l-Għoljiet,Ġnien Ħidmet il-Volontarjat, kif ukoll l-art li tinsab biswit Triq l-Għerien, li dwarha l-Kunsill kien għamel pressjoni fuq l-Ministeru konċernat u l-Awtorità tal-Artijiet biex jirtiraw is-sejħa Nru. 122/2021, kif fil-fatt kien sar. Fil-każ tal-aħħar kienet ġiet addottata din il-pożizzjoni, peress li din tinsab 'l barra miż-żona tal- iżvilupp, filwaqt li kien hemm dubji serji li l-għan aħħari tas-sejħa kien ser imur kontra l-użu ndikat fil-Pjan Lokali.

5.4.5. Is-Sur D. Vella kompla jgħid li fir-rigward tal-każ odjern, il-Pjan Lokali huwa konformi mas-sejħa li saret mill-Awtorità tal-Artijiet. Fid-dawl ta' dan, huwa staqsa dwar kemm jagħmel sens li l-Kunsill jitlob sospensjoni tal-proċess tas-sejħa, meta hemm dokument importanti, bħalma huwa l-Pjan Lokali, li jippermetti l-użu indikat. Is-Sur D. Vella aċċenna wkoll li t-tfassil tal-Pjan Lokali tal-Majjistral kien jinvolvi snin ta' konsultazzjoni pubblika qabel kiseb l-approvazzjoni finali tal-Parlament f'Lulju 2006.

5.4.6. Is-Sindku qal li huwa jifhem it-tħassib ta' min esprima opinjoni kontra l-iżilupp ta' l-art in kwistjoni, iżda wieħed irid jagħmel differenza bejn ir-rwoli tal-Awtorità ta' l-Artijiet u dak tal-Awtorita ta' l-Ippjanar, li jitrattaw konsiderazzjonijiet differenti. Is-Sur D. Vella kompla jistqarr li, konsistenti mal-linja li dejjem addotta dan il-Kunsill fir-rigward ta' każi simili, għandu jiġi segwit il-process kollu ma' l-Awtorita ta' tal- Ippjanar biex jiġi żgurat li ma jkun hemm xejn li jmur kontra l-Pjan Lokali tal-2006, u hekk jingħata serħan tal-moħħ ta' kull minn wera tħassib dwar dan l-iżvilupp.

5.4.7. Il-Kunsillier G. Micallef ikkummenta li meta ġiet approvat il-Pjan Lokali f'2006, iċ-ċirkostanzi kienu ferm differenti, tant li attwalment l-għajta tan-nies hija li qed jiġi permess *overdevelopment.* Huwa qal li l-Kunsill għandu jieħu pożizzjoni dwar dan biex dan il-pulmun ma jintilifx darba għal dejjem, b'detriment għar-residenti tal-madwar

5.4.8. Il-Kunsillier M. Abela qal li l-perċezzjoni ta' ħafna hija li l-binja ser togħla aktar minn tliet sulari. Huwa staqsa dwar jekk dan huwiex minnu.

5.4.9. Il-Kunsillier J. Gauci kkummenta li l-pass meħud mill-Awtorità tal-Artijiet huwa forsi barra minn loku meta jitqies kemm tqiegħdu *units* residenzjali fis-suq fir-rigward tal-Mellieħa.

5.4.10. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar innutat li kien hemm binjiet madwar l-art in kwistjoni li twaqqgħu bil-għan li jitkabbar in-numru tal-units, u allura dan jixħed li d-domanda qiegħda hemm għal units residenzjali.

5.4.11. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li skont il-policy NWUS5, l-għoli tal-bini huwa limitat għal tliet sulari u *semi- basement.* Fid-dawl tal-*policy* NWML2 tal-Pjan Lokali, ikun barra minn loku li l-Kunsill joġġezzjona f'dan l-istadju. Madankollu, il-Kunsill għandu jsegwi l-proċess sussegwenti mal-Awtorità tal-Ippjanar bil-għan li jiġi żgurat illi jkun hemm aderenza mal-*policy* msemmija. Kompla jgħid li t-trattament tal-każ odjern għandu jkun konsistenti ma' dak tal-applikazzjoni PA 5909/17, fejn il-Kunsill mhux qed jikkontesta l-iżvilupp *per se'*, imma l-inklużjoni ta' żewġ sulari bl-iskop li jintużaw bħala lukanda. Il-fehma ġenerali tal-Kunsill kienet li m'għandhom isiru ebda rappreżentazzjonijiet f'dan l-istadju, sakemm ma jiġux osservati diverġenzi minn liġijiet, *policies*, u linji gwidi fis-seħħ, li jirregolaw l-iżvilupp. Din il-pożizzjoni hija msaħħa mill-fatt li fl-istess żona, il-Kunsill żviluppa żewġ spazzji oħra pubbliċi li jinvolvu Ġnien l-Għoljiet u Ġnien Ħidmet il-Volontarjat. Kien osservat ukoll li fit-28 ta' Frar 2023, il-Kunsill issottmetta talba għall-kofinanzjament ta' art konfinanti minn Triq l-Etna, Triq Monsinjur Franġisk Sciberras, u Triq l-Għasel li jinsab fl-istess żona ftit metri 'l bogħod mill-art in kwistjoni.

5.4.12. Il-fehma ġenerali tal-Kunsill kienet li m'għandhom isiru ebda rappreżentazzjonijiet f'dan l-istadju, sakemm ma jiġux osservati diverġenzi minn liġijiet, policies, u linji gwidi fis-seħħ, li jirregolaw l-iżvilupp.

**5.5.1. Attivita` flimkien mal-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina** **(S/6/Vol VI)**

5.5.2. Inqara imejl datat 1 ta' Marzu 2023, fejn il-Kunsill intalab jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' *Easter Egg Hunt* miftuħa għall-pubbliku, u ser tittellgħa fit-8 ta' April 2023.

5.5.3. Il-Kunsill iddeċieda li jissieħeb f'organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet, sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €200 fl-ispirtu tas-Sub-Artikli 33(o) u (s) tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363).

**5.5.4. Inizjattiva *"Ingawduħ u Nieħdu Ħsiebu Flimkien"*** **(A/3/Vol III)**

5.5.5. Is-Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat 20 ta' Frar 2023 fejn l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonijisti Mellieħa stiednu lill-Kunsill sabiex jattendi l-attività msemmija li ser isseħħ ġewwa l-Aħrax fis-26 ta' Marzu 2023

5.5.6. Fl-istess korrispondenza l-għaqda aċċennat li riċentement minħabba nuqqas ta' xita, xtrat u qed tagħmel sistema ta' tisqija sabiex jissaqew is-siġar, kemm dawk godda u dawk maturi, bil-għan li ma jmutux bin-nixfa.

5.5.7. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi għal din l-inizjattiva sa massimu ta' €200.

### 5.6.1. Korsijiet tal-kompjuter (E/3/1/9/Vol IV)

5.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-imejl datat 2 ta' Marzu 2023 mibgħut minn TCTC Ltd, fejn għarrfu li nedew korsijiet intiżi sabiex iħeġġu l-innovazzjoni diġitali fost it-tfal. Dan huwa ppjanat li jseħħ waqt il-vaganzi tas-Sajf 2023 minn ġewwa l-kunsilli lokali u jkopri tagħlim prattiku fl-użu ta' diversi programmi importanti fl-iżvilupp edukkattiv u krejattiv ta' l-istudenti u għat tfal ta' bejn il- 5 u t- 12 il-sena, li b'mod konkret iwassalhom fl-informatika għal futur bħal l-Inteliġenza Artifiċjali, Robotika*,* *Game Programming* u suġġetti li jgħinu lit-tfal fil-*homeworks* u l-proġetti ta' l-iskola.

5.6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono spjega li l-proposta finanzjarja hija ta' €1,500.00, u tkopri sa massimu ta' 50 student. Tagħmel tajjeb ukoll il-*marketing* tal-proġett fuq il-meżżi tax-xandir u l-midja soċjali, artwork u stampar tal-fuljett li jippromovi dan il-proġett f' kull dar fil-lokal. L-applikanti jintalbu ħlas minimu ta' €5.00, li jkopri reġistrazzjoni u n-noti tal-kors li jintbgħatu onlajn lill-ġenituri.

5.6.4. Il-Kunsill qabel li għandu jipprovdi s-servizz deskritt aktar 'il fuq.

### 5.7.1. Xogħlijiet tal-arti fil-beraħ (A/11)(T/3/4)

5.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 24 ta' Frar 2023 mibgħut minn artista li tixtieq tagħmel tpinġija fuq ħitan f'postijiet pubbliċi.

5.7.3. Il-Kunsill K. Buttigieg ippropona li ssir tpinġija mar-refgħa tat-taraġ fi li jinsab fi Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq Sant' Anna u Triq Sant' Elena. Ippropona wkoll li l-puġġaman eżistenti jinbidel u jsir bħal dak li hemm fi Triq Sant' Elena.

5.7.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta preċedenti.

### 5.8.1. Ċelebrazzjoni tal-*Earth Hour* (K/11)

5.8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' ċirkulari AKL 2023/018 datata 21 ta' Frar 2021, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għarrfet li l-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u -Intrapriża qiegħed jingħaqad ma' pajjiżi oħra madwar id-dinja biex jiċċelebra l-attivita' tal-*Earth Hour*. Fuq il-livell internazzjonali dan l-avveniment tikkordinaħ il-WWF biex tħeġġeg lin-nies biex jieħdu azzjoni għall-problemi ambjentali. Bħala ġest simboliku, din l-okkażjoni tiġi mfakkra bit-tifi ta' dwal bejn it-20:30 u d-21:30 ta' monumenti, bini amministrattiv u żoni pubbliċi oħra. L-avveniment ser jiġi ċċelebrat nhar is-Sibt 25 ta' Marzu 2023

5.8.3. Il-Kunsill iddeċieda li dan l-avveniment jiġi mmarkat bit-tifi tad-dwal ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u l-Monument tal-Kunsill fi Triq Edward Camilleri.

### 5.9.1. Sessjonijiet ta' tagħrif dwar il-bagħal taż-żunżan (I/4)

5.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li ġiet ikkuntattjata mis-Segretarju tal-Għaqda tat-Trobbija tan-Naħal u Għasel Malti, dwar il-possibiltà li jsiru sessjonijiet ta' tagħrif għall-pubbliku dwar il-kontroll tal-bagħal taż-żunżan, kif ukoll servizzi li jingħataw mill-għaqda għall-istess għan.

5.9.3. Il-Kunsill qabel li għandu jilqa' dan l-appell.

**6.1. Kustodja tal-kumpless tal-Iržieżet f'Selmun (P/10/3A)**

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf illi skont kif kien miftiehem fis-Seduta Nru. 46 fl-20 ta' Frar 2023 saret laqgħa mal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Mellieħa. Saret laqgħa oħra fl-Irziezet ta' Selmun fit-22 ta' Frar, fejn id-diriġenti tal-għaqda wrew interess fil-kustodja tal-post.

6.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ippropona li l-għaqda għandha tintalab tippreżenta *management plan* dwar l-intenzjonijiet li għandha, li inizjalment għandu jwassal għall-ftehim ta' *commodatum*, wara li tiġi nfurmata l-Awtorità tal-Artijiet.

6.4. Il-Kunsill qabel li għandu jintalab parir legali dwar il-proċedura li għandha tiġi addottata fid-dawl tal-fatt li l-għaqda *per se'* mhijiex reġistrata uffiċjalment bħala organizzazzjoni volontarja.

6.5. Fid-dawl tal-fatt li l-għaqda ser ikollha toħroġ mis-sede attwali tagħha, il-Kunsill qabel li l-affarijiet tagħhom għandu jinżammu temporanjament fil-bini tal-uffiċċju tal-Kunsill.

7.1. **Skambji sportivi li jinvolu it-tfal mal-lokalità tewmija ta' Cavriglia (K/1/5/3/Vol II)**

7.2. Saret referenza għal imejl datat 17 ta' Frar 2023, fejn il-Comune di Cavriglia aċċenna għad-dettalji taż-żjara tat-tfal mill-*Mellieħa Football School* ippjanata għall-Lulju 2023. Intqal li d-dettalji kollha tad-din iż-żjara ġew iffissati. Sabiex jirreċiprokaw dan, qed jipproponu li ssir żjara simili mit-tfal ta' Cavriglia bil-għan li jistudjaw l-Ingliż u jieħdu sehem f'*beach games* ma' tfal ta' imparhom Melleħin. Huma staqsew dwar jekk il-Kunsill jistax jipprovdi l-akkomodazzjoni u ikel lit-tfal, għal żjara li ppproponew li ssir lejn il-bidu ta' Settembru 2023.

7.3. Il-Kunsill assuma li l-akkomodazzjoni għaż-żjara li possibilment isseħħ fil-Mellieħa f'Settembru 2023 għandha tiġi pprovduta mill-Mellieħa Football School fis-sede tal-istess għaqda.

8.1. **Ċelebrazzjoni tal-25 Anniversaju tal-ġemellaġġ Mellieħa/Adenau (K/1/5/Vol IV)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li baqgħu għaddejjin il-kuntatti bejn il-Kunsill, is-Società La Vittoria, u l-Kunsill Lokali ta'Adenau, l-akkomodazzjoni, u l-istrumentatura li jeħtieġ tiġi pprovduta fil-Ġermanja. Il-Kunsill ta' Adenau għadda wkoll abbozz ta' l-itinerarju taż-żjara, li ġie rivedut u mgħoddi lura, peress li ser jintuża ajruport f'Brussel minflok Frankfurt. Il-Kunsill ġie mgħarraf li nkisbu żewġ kwotazzjonijiet dwar l-akkomodazzjoni disponibbli f'Adenau, li ġew mgħoddija lis-soċjetà. Ġie spjegat li l-Kunsill irid jistabilixxi sa fejn ser iwassal l-involviment finanzjarju tiegħu.

8.3. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel tajjeb għall-akkomodazzjoni tal-mużiċisti f'Adenau sa massimu ta' €5,000.

8.4. Kien hemm qbil li d-delegazzjoni tal-Kunsill għall-waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-25 anniversarju mill-iffirmar tal-ftehim tal-ġemellaġġ Mellieħa/Adenau, għandhom tkun komposta mis-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillieri E. Bartolo u R. Bartolo Cutajar, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

**9.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini, illi tgħid:**

**"Billi l-kuntratt li jipprovdi għat-Tindif ta' Toroq mhux Urbani, ġie tterminat mill-Kunsill;**

**Billi saret sejħa għall-offerti (MLC 1/2023) skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), sabiex jingħata servizz ta' tindif f'toroq mhux urbani fin-**

**nofsinhar tal-lokalità, liema offerti ġew evalwati, skont ma' jidher mir-rapporti datati 13 u 22 ta' Frar 2023; u**

**Billi l-Kunsill ivvota somma fl-Estimi għas-sena 2023, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3052;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent is-Sur Shaun Mangion illi jipprovdi għas-servizz imsemmi, għal perjodu ta' erba' snin, b'effett mill-1 ta' April 2023, skont ir-rati mogħtija fid-dokument tal-offerta.".** **(T/4/6/Vol IV)**

9.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekonda mill-Kunsillier M. Abela.

## 10.1. Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2022 (F/1/1/Vol IV)

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr li d-dħul tal-Kunsill matul il-perjodu Jannar/Diċembru 2022 kien jammonta għal €1,617,464, li jikkonsisti f'€1,531,380 bħala Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali, €78,027 bħala ħlasijiet relatati ma' attivitajiet li jeħtieġu l-ħruġ ta' permessi mill-Kunsill Lokali, u €8,057 kienu relatati mal-Infurzar tal-Liġi u dħul ieħor.

10.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti żdied b'€121,133 meta mqabbel mat-tliet xhur ta' qabel u kien ta' €2,108,524. Dawn kienu jikkonsistu fi *Cash and Cash Equivalents* li jammontaw għal €2,108,524, Inventarji (*Stocks*) €14,781 u riċevibbli li ammontaw għal €63,503.

10.4. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti Netti komplew jiżdiedu meta mqabbla mat-trimestru preċedenti, minn €716,058, għal €746,690. Dawn kienu magħmula minn Pagabbli (€365,913), u Dovuti (€342,221) fir-rigward ta' nefqa li tkun saret, iżda mhux fatturata sal-aħħar tal-perjodu kopert b'dan ir-rapport. Kien hemm ukoll Dħul Differit ta' €38,556 li jirriżulta minn avvanz bikri ta' fondi relatati ma' skemi ta' finanzjament.

10.5. In-nefqa għall-perjodu kopert bir-rapport tammonta għal €1,552,176 u kienet magħmula minn €239,287 fuq Emolumenti Personali, €781,242 fuq Operazzjonijiet u Manutenzjoni, €54,587 fuq Amministrazzjoni, filwaqt li Deprezzament fuq assi fissi ġie kkalkulat għal €477,060.

10.6. Mill-bidu tas-sena rriżulta *surplus* ta' €65,288. Meta wieħed iqis dawn il-fatturi kollha, l-jirriżulta f'żieda fl-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja ta' 6% fuq it-trimestru preċedenti u laħaq il-107%.

10.7. Il-valur fiss tal-assi mixtrija minn Jannar permezz ta' fondi ordinarji tal-Kunsill, kif ukoll permezz ta' għotjiet, kien jammonta għal €404,289, filwaqt li l-valur nett tad-disponimenti ma kien hemm xejn. L-ispiża tax-xiri tal-Assi Fissi kollha akkwistati mill-Kunsill kienet ta' €13,017,913, li kellha valur nett fuq il-kotba ta' €1,910,654 sa tmiem il-perjodu kopert bir-rapport.

10.8. Il-Kunsill innota l-kontenut tar-rapport u l-ispjegazzjoni li saru. Ġie approvat ukoll li dan għandu jittellgħa fis-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/PublicationsList/Quarterly%20Financial%20Report_2_2021.pdf

## 11.1. Estimi Finanzjarji 2023 (F/1/34)

11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li permezz ta' Ċirkulari 01/2023, l-Allokazzjoni Finanzjarja mill-Gvern Ċentrali għall-2023, ser tkun ftit iktar minn €9,698 aktar minn dik tal-2022 u ser tammonta għal €1,272,039. Din is-somma ġiet supplimentata b'aġġustamenti ta' €7,000 biex jagħmel tajjeb għal esiġenzi marbuta mal-fatt li l-Mellieħa hija żona turistika. Din ma tingħatax awtomatikament u jkun jeħtieġ li tingħata ġustifikazzjoni permezz ta' infieq relatat matul l-2021. Dan kollu jfisser żieda ta' 0.8% fuq l-allokazzjoni tal-2022.

11.3. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal-Laqgħa Annwali u staqsa dwar jekk kienx hemm punti li tqajmu illi jitolbu tibdil fl-estimi kif ppreżentati fis-seduta preċedenti.

11.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-fatt li qed ikun hemm żieda sinifikanti fl-ispejjeż fuq id-dwal tat-toroq peress li dawn qed jinbidlu minn tat-tip SON għall-LED.

11.5. Il-Kunsill qabel li l-vot 3010 għandu jiżdied għal €45,000.

11.6. Il-Kunsill kien tal-fehma li ma kienx hemm punti li jitolbu aktar tibdil fl-estimi kif approvati fis-seduta preċedenti.

12.1. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

12.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 24 ta'Frar 2023. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

12.3. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash,* bejn l-1 ta' Jannar u t-2 ta' Marzu 2023.

12.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-21 ta' Jannar 2023 u l-24 ta' Frar 2023.

12.5. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna li l-pagamenti dovuti b'rabta mal-"Villaġġ tal-Milied fil-Mellieħa" issa huma koperti permezz ta' din l-iskeda u oħrajn preċendenti.

12.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha nklużi fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-Kunsillieri kollha, is-seduta spiċċat fid-9.10 pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 29 ta' Marzu 2023 fil-5:30 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |